MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 413/2011

Perit Felix J. Sciberras (Id 443059M).

Vs

Michael Mifsud (Id 737249M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,532.73) minghand il-konvenut, liema ammont huwa dovut mill-konvenut in konnessjoni mas-servizzi professjonali moghtija lilu. U minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, huwa baqa` inadmpjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra gudizzjarja tat-8 ta' Mejju 2009 u tal-ittra bonarja tad-29 ta' Jannar 2008 u dik tal-20 ta' Novembru 2007, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra uficjali tat-8 ta' Mejju 2009 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Gunju 2011 fejn deher l-konvenut Michael Mifsud u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba tal-attur u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ elf, hames mija u tnejn u tletin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,532.73), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill- konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------